# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 17/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spett. Ian Vella)**

**Vs**

**Bashir Abdullah Mohammed**
**(Nru tal-Pulizija 19R031)**

**Illum, 14 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Bashir Abdullah Mohammed**, iben Abdullah & Aisia nee' Ahmed, imwieled in Somalia nhar l-1 ta' Jannar 1999, mingħajr indirizz fiss u bin-numru tal-Pulizija 19R031 u akkużat talli nhar it-8 ta' Jannar 2022, bejn 16:00hrs u 16:45hrs ġewwa il-Marsa u f'dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed fil-periklu għall-ħajja, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ibrahim Ali Mohamed, skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Dale Debrincat reg. No 4245 ġewwa l-klinika ta' Floriana liema feriti ġew

maghmula b'arma regulari inkella bi strument li jaqta' jew iniġġeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ u dan bi ksur tal-artikli 214, 215, 216 u 217 tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

2. U fl-istess ċirkostanzi ħebb għal Ibrahim Ali Mohamed sabiex jinġurjah, iddejqu, jew jagħmilhu l-ħsara u dan bi ksur tal-artiklu 339 (1)(d) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

3. U fl-istess ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid jew provokazzjoni b'mod li ħareġ mil-limiti tal-provokazzjoni fil-konfront ta' Ibrahim Ali Mohamed u dan bi ksur tal-artikolu 339 (1)(e) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

4. U fl-istess ċirkostanzi, volontarjament kiser l-bon ordni u paċi pubbliku dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta

5. U fl-istess ċirkostanzi jgħix ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ dan bi ksur tal-artikolu 228 (w) tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta

6. U fl-istess ċirkostanzi ikkommetta reat li hu punibbli bil-priġunerija waqt il-perjodu attiv ta' sentenza sospiża mposta fuqu fi 29 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mill-Mgts Dr. Charmaine Galea LL.D

7. U fl-istess ċirkostanzi irrenda ruħu bħala reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti hija ġentiment mitluba li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurtà ta' Ibrahim Ali Mohamed jew individwi oħra biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-skop ta' protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza u dan skond l-artikolu 412 C tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li minbarra li tingliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurtà ta' Ibrahim Ali Mohamed billi tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat u dan skont l-artikolu 38A tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2021, l-akkużat u l-prosekuzzjoni eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati t-8 ta' Novembru 2023[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216(1); 217 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 338(dd); 338(w); 339(1)(d) u 339 (1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 28A, 28B, 28C, 28F, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 7, 12, 17, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi dawn l-Artikoli nqraw fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023 u l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġġudikat minn din il-Qorti.

[1] A fol. 105 tal-Atti Proċesswali.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi nhar it-8 ta' Jannar 2023 għall-ħabta tal-16:40hrs, il-parte ċivile Ibrahim Ali Mohammed irrapporta l-għassa tal-Ħamrun illi kien għadu kemm ġie msawwat mill-akkużat waqt li kien bilqiegħda ġewwa l-ġnien tal-Marsa. Huwa kellu xi dmija ma wiċċu u taħt għajnejh. Il-parte ċivile Ibrahim Ali Mohammed stqarr li l-akkużat kien diġà sawwtu darb'oħra preċedentement però din id-darba uża ħadida. Filfatt il-pulizija irrikorrew fuq ix-xena tad-delitt minn fejn elevaw biċċa ħadida li kellha manku tal-lastiku. Fuq il-manku kien jidher li hemm demm frisk.

Illi miċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Dale Brincat u ppreżentat in atti[2] jirriżulta illi l-parte ċivile Ibrahim Ali Mohammed sofra diversi ġrieħi ta' natura gravi. Illi waqt ix-xhieda tagħha, hija spjegat illi hija klassifikat il-ġrieħi bħala gravi minħabba l-isfreġju fil-wiċċ, speċifikatament minħabba t-telf ta' ġilda fil-wiċċ. Filfatt għal bejn 5mm-8mm tilef is-saff tad-dermis u l-epidermis.

Illi  b'riżultat ta' din il-ġlieda wkoll, l-akkużat sofra ġrieħi ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr Audrey Scerri.[3]

[2] A fol. 15 tal-atti proċesswali, kif ikkonfermat minnha stess bil-ġurament waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2023, a fol. 32 tal-atti proċesswali.
[3] Ara ċ-ċertifikat a fol. 18 tal-atti proċesswali kif ikkonfermat bil-ġurament minn Dr. Audrey Scerri fis-seduta tal-25 ta' April 2023, a fol. 70 tal-atti proċesswali.

Illi fl-istqarrija tiegħu datata t-18 ta' Jannar 2022,[4] l-akkużat stqarr li kellu ġlieda mal-parte ċivile Ibrahim Ali Mohammed iżda li taw bl-idejn u bir-ras biss.

Illi fix-xhieda tiegħu[5], il-parte ċivile jiddeskrivi li dakinhar tal-inċident huwa kien biliegħda fil-ġnien tal-Marsa meta l-akkużat mar minn wara u żammu u beda jtieħ. Qal li dan l-argument kien kontinwazzjoni ta' argument preċedenti fejn il-vittma kien irrapportah lill-pulizija. Qal li l-akkużat kellu biċċtejn ħadid f'idejh iżda l-pulizija sabu waħda biss u ġabruha. Qal li beda jtiħ biż-żewġ biċċiet tal-ħadid. Waqt il-ġlieda qallu li xi ħadd minnhom kellu jmut. Qal li minkejja li kellu ħafna ġrieħi f'wiċċu, l-akkużat għamillu dik li qegħdha l-aktar viċin ta' l-imnieħer, fuq l-eyebrow kif ukoll ta' ħuġġbejh u rasu. Qal li waqt l-alterkazzjoni huwa żamm lill-akkużat ukoll.

Illi l-Qorti kif diversament ippresjeduta kkostatat illi l-vittma għandu daqqa fuq l-*eyebrows*, fuq il-moħħ kif ukoll fuq ħuġbejh fejn tidher il-ġilda nieqsa kif ukoll fuq il-ġemb ta' mnieħru. Dawn jidhru kjarament minn *talking distance*. Ġie kostatat mill-Qorti li hemm sfreġju fil-wiċċ.

Illi l-espert maħtur mill-Qorti Dr. Marisa Cassar wettqet eżami forensiku fuq id-demm li kien instab fuq il-manku ppreżentat fl-atti u xehdet[6] illi hemm ħafna profili diffierenti u ma tistax toħroġ riżultat konklussiv illi d-demm li nstab fuq l-imsemmi manku kien tal-vittma.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti kif promossi mill-prosekuzzjoni huma sempliċi ħafna: il-parte ċivile kien qiegħed bilqiegħda għall-affari tiegħu fil-ġnien tal-Marsa meta l-akkużat, għal xi raġuni, aggredieħ u kkawżalu ġrieħi serji f'wiċċu. Jidher li hemm storja ta' argumenti bejn il-parte ċivile u l-akkużat li sabet il-kulminu

[4] A fol. 16 tal-atti proċesswali.
[5] Ara x-xhieda mogħtija fit-23 ta' Jannar 2023, a fol. 35 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Frar 2023, a fol. 52 tal-atti proċesswali.

tagħha fl-allegat attakk odjern. Illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni huma sempliċi u jibbażaw solament fuq il-verżjoni mogħtija mill-parte ċivile.

Illi dwar il-fatt li l-provi tal-prosekuzzjoni jistrieħu unikament fuq il-verżjoni tal-parte ċivile, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li x-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Filfatt, ġie ritenut fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bonavia** li:[7]

> *"Wara kollox, kif jiddisponi l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xiehda jew aktar u dan hu bizzejjed biex tigi pruvata l-htija ta' persuna akkuzata b'reat u ma hemmx bzonn ta' xi korroborazzjoni ulterjuri minn provi diretti jew indiretti..."*

B'hekk il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn għandha tiddubita l-kredibilità tal-vittma u konsegwentement sejra temmen il-verżjoni minnu mogħtija.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, madanakollu, d-difiża tissenjala li hemm numru ta' inkonsistenzi fix-xhieda mogħtija mill-parte ċivile u li dawn l-inkonsistenzi għandhom jimmilitaw a favur l-akkużat.

Fl-ewwel lok, l-akkużat jissottometti li filwaqt li l-akkużi ħarġu bejn l-16:00 u l-16:45hrs, fix-xhieda tiegħu, l-parte ċivile qal li l-attakk seħħ għall-ħabta tal-ħamsa u li ma kienx jaf il-ħin bl-eżatt. Hu jissottometti għalhekk li l-ħin li fih seħħ l-inċident ma ġiex stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi. Illi din il-Qorti ma tarax li dan l-argument għandu mis-sewwa. Għalkemm huwa veru li fix-xhieda tiegħu il-vittma jsemmi ħin li jmur oltre mill-ħinijiet indikati mill-

[7] **Il-Pulizija vs Anthony Bonavia**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 6 ta' Novembru 2002.

prosekuzzjoni, huwa jisgarra biss bi kwarta u, fi kwalunkwe każ, fix-xhieda tiegħu huwa jgħid ”*Five something like that*”.[8] Illi b’hekk hija l-fehma tal-qorti li l-ħin tal-aggressjoni ġie stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi fit-tieni lok, id-difiża tissottometti li ma ġiex stabbilit kif seħħet din l-aggressjoni. Tissottometti li l-parte ċivile f’ħin minnhom jgħid li l-akkużat aggredieħ minn wara b’żewġ idejn. F’ħin ieħor jgħid li l-akkużat uża żewġ ħadidiet li, minkejja l-istħarriġ kollu tal-pulizija, nstabet waħda biss. Di più, l-ħadida li nstabet ma setgħet tipprova xejn kontra jew favur l-akkużat għaliex il-profil ġenetiku misjub huwa mħallat.

Illi qabel ma’ l-Qorti tibda teżamina din is-sottomissjoni, jeħtieġ li l-ewwel jiġi stabbilit jekk l-akkużat wettaqx ir-reat ikkontemplat fl-ewwel akkuża jew le. Skont ix-xhieda tal-parte ċivile, huwa kien bilqiegħda meta l-akkużat, għall-ebda raġuni apparenti, attakkaħ minn wara. Jirriżulta ċċertifikat minn Dr. Dale Brincat li l-vittma sofra ġrieħi ta’ natura serja. Illi l-akkużat fl-istqarrija rilaxxata minnu, jistqarr li ġġielet mal-vittma u li uża jdejh. Illi f’dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti hija tal-fehma li l-akkużat tassew agredixxa lill-vittma u li kkawżalu ġrieħi ta’ natura serja.

Illi skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat mediku, kif ukoll minn dak li ġie kostatat minn din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar it-23 ta’ Jannar 2023, il-vittma sofra tqaxxir tal-ġilda tiegħu f’wiċċu li, a tenur tal-Artikolu 216(1)(iii), jista’ jġib periklu ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, ossija wiċċu. Illi b’hekk, ġie pprovat sal-grad rikjest mil-liġi illi bl-aġir tiegħu, l-akkużat kiser id-disposizzjoni tal-Artikolu 216(1)(iii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi dwar l-użu tal-ħadida, madanakollu, jirriżulta li meta l-uffiċjali tal-pulizija għamlu t-tfittxija tagħhom fil-ġnien fejn seħħ l-inċident sabu biss biċċa ħadida waħda, li tidher li qisha manku ta’ umbrella u li kellha t-tiċpis tad-

[8] Fol. 36 tal-atti proċesswali.

demm, li, madanakollu, kellha profil ġenetiku inkonklussiv dwar ta' min kien dak id-demm.

Illi di più, l-akkużat fl-istqarrija tiegħu jistqarr li uża jdejh sabiex iwettaq dan ir-reat. Il-vittma, min-naħa tiegħu, jgħix fix-xhieda tiegħu li l-akkużat kien qed juża ż-żewġ idejn biex itiħ. Filfatt fuq domanda tal-Qorti huwa jgħid:

> "Court: Did he have something in his hands?
>
> Wit: Just two hands
>
> Court: Just two hands.
>
> Wit: yes."

Illi b'hekk għandha raġun id-difiża tgħid li hemm dubju dwar jekk intużax xi oġġett jew le fit-twettiq ta' dan ir-reat u li dan id-dubju għandu jmur favur l-akkużat.

Illi b'hekk, il-prosekuzzjoni għalkemm irnexxielha tipprova r-reati kontemplati fl-Artikoli 214, 215 u 216(1)(iii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma rnexxilhiex tipprova l-gravam misjub fl-Artikolu 217 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tat-tieni akkuża kif postulata mill-Avukat Ġenerali, jirriżulta li din tikkomprendi, t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet kif mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fir-rigward tal-kontravenzjoni maħsuba fl-Artikolu 339(1)(d), fix-xhieda tiegħu, il-vittma jgħid li hu kien bilqiegħda meta l-akkużat attakkah minn wara u b'riżultat tal-attakk, il-vittma sofra ħsara fiżika.

Fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova wkoll dan ir-reat sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi fir-rigward tal-kontravenzjoni maħsuba fl-Artikolu 339(1)(e) fix-xhieda tiegħu, il-vittma jgħid li waqt l-attakk, l-akkużat qallu li "*One of us will die*" b'referenza għall-fatt li l-ġlieda kienet, skont l-akkużat, sal-mewt ta' wieħed minnhom. Il-Qorti tqis li dan il-kliem jammonta għal theddida serja u provokazzjoni da parti tal-akkużat versu l-vittma.

B'hekk, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova anke dan ir-reat sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi fir-rigward tar-reati kkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut Pulizija vs Vincent Petroni[9], fejn ġie ritenut illi:

> *"Għall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux biżżejjed il-livell tal-għajjat li jiddisrubta liċ-ċittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tiegħu. Jeħtieġ li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku."*

Illi għalkemm seta' kien hemm xi storbju jew għajjat waqt din l-aggressjoni, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li kien hemm xi terz li seta' beża' għall-inkoluminità tiegħu. B'hekk, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova dan ir-reat sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi l-istess għandu jingħad dwar ir-reat ravviżat fl-Artikolu 338(w) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova illi l-akkużat kien qiegħed jgħix ħajja ta' għażż u vagabundaġġ u b'hekk il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova dan ir-reat sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi għall-finijiet ta' reċidiva u tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-prosekuzzjoni ppreżentat is-sentenza erogata minn dina l-Qorti diversament ippreseduta nhar id-29 ta' Diċembru 2022 fejn l-akkużat instab ħati u ngħata piena ta' 9 xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta Malta, ġiet sospiża għal perjodu ta' sentejn minn dakinhar, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-assistent

[9] **Pulizija vs Vincent Petroni**, Qorti tal-Appell Kriminali, 20 ta' Mejju 1993:

Reġistratur Marica Mifsud[10] filwaqt li l-Assistent Reġistratur Stefania Calafato Testa xehdet illi ma sarx appell minn sentenzi mogħtija fil-konfront tal-akkużat.[11]

Illi b'hekk, fil-fehma tal-Qorti, l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet akkuża kif postulata mill-Avukat Ġenerali sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tħoss illi din għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva u m'għandhiex tkun fil-minimu tagħha. Primarjament għaliex huwa ċar li l-akkużat ma jridx jirradrizza l-aġir tiegħu. Filfatt, ir-reati odjerni twettqu f'inqas minn ġimgħatejn minn meta l-akkużat instab ħati[12] talli wettaq ġrieħi ħfief fuq terza persuna f'tilwima li seħħet fi żmien ta' inqas minn xahar[13] qabel ma wettaq il-preżenti reati. Illi wkoll, anke jekk stess l-akkużat kellu xi nuqqas ta' qbil mal-parte ċivile, persuna qatt m'għandha tirriżolvi għall-vjolenza biex issolvi l-kwistjonijiet li jista' talvolta jkollha, kif għamel l-istess akkużat.

Illi ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9, il-piena erogata għandha tkun dik ibbażata fuq l-Artikolu 216(1)(iii) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ser tapplika r-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, qed issib lil **Bashir Abdullah Mohammed ħati** tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 17, 28A, 28B, 28C, 28F, 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(iii), 338(dd); 338(w); 339(1)(d) u

[10] Ara x-xhieda mogħtija fis-26 ta' Settembru 2023, a fol. 96 tal-atti proċesswali.
[11] Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Frar 2023, a fol. 59 tal-atti proċesswali.
[12] Filfatt is-sentenza hija datata 29 ta' Diċembru 2022.
[13] Huwa nstab ħati talli kkaġuna ġrieħi ħfief lil terza fit-18 ta' Diċembru 2022.

339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement qed tikkundannaħ għal piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija effettiva.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġlijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi l-perjodu ta' disa' (9) xhur priġunerija sospiżi għal sentejn kif erogata fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Bashir Abdullah Mohammed, nhar id-29 ta' Diċembru 2022 minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, jidħol fis-seħħ.

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A, il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin fuq l-akkużat a favur Ibrahim Ali Mohamed u dan skont il-kondizzjonijiet annessi mad-digriet mogħti kontestwalment;

Illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-ħati jħallas is-somma komplessiva ta' 'ħames mija u tlieta u sebgħin Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€573.48) lir-Reġsitratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali rappreżentanti spejjeż ta' esperti ingaġġati f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**